# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 904/97

Anna Maria Johnson

vs

Kummissarju tal-Pulizija

Illum 22 ta' Marzu, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b' mod iktar preciz fi jew ghall habta tal-1992, ir-rikorrenti sofriet ingustizzja f'li ma gietx accettata li tidhol fil Korp tal-Pulizija;

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor illi, ir-rikorrenti kienet dahlet tahdem fil-Korp tal Puluzija fl-1983 bhala Kuntistabbli. Illi fl-1988 minhabba ragunijiet ta' safar hija kellha tirrizenja mill-Korp tal-Pulizija. F' Gunju tal-1992 ir-rikorrenti regghet lura Malta u billi kien hemm bzonn ta' ex-servicemen fil-Korp tal-Pulizija, hija applikat biex terga' tidhol fil-Korp.

Illi t-talba tar-rikorrenti giet michuda u dan minghajr ebda raguni. R-rikorrenti regghet applikat xi xhur wara biex terga' tissieheb fil-Korp izda it-talba taghha regghet giet michuda;

Illi fiz-zmien li r-rikorrenti ghamlet it-talbiet taghha, liema talbiet gew michuda, kien hemm numru ta' persuni li ghal xi raguni regghu gew "re-instated" fil-Korp;

Illi fl-1994 ir-rikorrenti giet "re-instated" fil-Korp tal-Puluzija. IIIi minhabba fid-diskriminazzjoni li kienet saret maghha, miz-zmien li hija kienet ilha titlob biex tigi "re-instated', ir-rikorrenti ghamlet sentejn tbati finanzjarment kif ukoll li dawn is sentejn li ghamlet barra mill-Korp jaffetwaw hazin fil-penzjoni tal-Korp;

Illi r-rikorrenti kien bi hsiebha ggib quddiem dan it-Tribunal biex isostni l-ilmenti taghha lix-xhieda kollha indikati f dan ir-rikors;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond 1-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi s-sentejn servizz li hija giet imtellfa jizdiedu mas-servizz prezenti tar-rikorrenti, kif ukoll kull zieda li ikkwalifikat ghalihom ir-rikorrenti jinghataw b' sentejn lura, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont li jiddeciedi dan it Tribunal.
Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

Ra r-risposta tal-Kumissarju tal-Pulizija li eccepixxa:

Illi r-rikorrenti kienet ingaggata fil-Korp tal-Pulizija fit-22 ta’ Awissu, 1983 bhala Kuntistabbli.

Illi fil-25 ta' Frar, 1988 ir-rikorrenti kellha approvazzjoni ta’ hames xhur Emigration leave fl-Awstralia.

llli l-ingagg tar-rikorrenti kien gie terminat wara li naqset li tirritorna ghax-xoghol mill-Emigration Leave b' effett mill-1 ta’ Awissu, 1988.

Illi fis-17 ta' Gunju, 1992, ir-rikorrenti kienet talbet biex tigi re-instated fil-Korp tal Pulizija. Illi r-rifjut ta’ l-unika talba tar-rikorrenti sabiex tigi re-instated fil-Korp tal-Pulizija ma kenitx ir-responsabbilta` tal-intimat. Illi r-rikorrenti giet re-instated fil-Korp tal-Pulizija b’effett mid-29 ta' April, 1994.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kolha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit fejn semmiet li fl-1988 otteniet l-approvazzjoni ghal hames xhur emigration leave wara li sifret ma' zewgha lejn l-Awstralja. Wara hames xhur baqghet hemmhekk u ghalhekk gie terminat ix-xoghol bhala membru tal-Korp tal-Pulizija. Gara li rritornaw lura mill-Awstralja u iddecidiet li terga' tapplika biex tidhol lura fil-Korp tal-Pulizija. Fil-fatt talbet formalment permezz tal-kitba biex terga' tidhol u tingagga fil-Korp tal-Pulizija u dan skond il-policy tar-re-instatement li giet rifjutata minghajr raguni. Ziedet li meta dak iz-zmien applikat kien hemm diversi membri tal-Korp bhalha li applikaw u l-applikazzjoni taghhom ghar-re-instatement giet milqugha. Semmiet li l-kondotta taghha fil-Korp hija intatta u clean u ghalhekk qatt ma setghet tara x'inhija r-ragni li ma gietx re-instated.

In kontro ezami semmiet li qatt ma kienet irceviet xejn li l-impjieg taghha spicca. Semmiet li kienu ghaddew sitt xhur sakemm applikat ghar-re-instatement. Semmiet li kienet ippretendiet li terga' tidhol lura ghax-xoghol minhabba li kien hemm nies ohra li regghu gew imdahhlin. Semmiet fosthom lis-Surgent li hareg u dahal darbtejn, semmiet ukoll lil Emanuel Deguara, certu Joe li qieghed il-ballistics li minghaliha n-numru tieghu 860. Giet re-instated fl-1994. Esebiet lista ta' persuni li gew re-instated matul l-istess zmien meta kienet applikat hi. Huma dahlu u hi ma dahlitx. Esebiet l-ittra fejn it-talba taghha ghar-re-instatement giet rifjutata izda minghajr ma giet moghtija ebda raguni.

Is-Supt. Ronald Kelly esebixxa lista ta' ex-membri tal-Korp li gew re-instated li fiha indika meta kienu meta gew re-instated. Esebixxa wkoll lista ta' nies li gew re-instated fl-1992, fl-1993 u fl-1994. Minn dawn jirrizulta li fl-1992 dahal lura Spettur, tliet Surgenti u tnax-il Pulizija, fl-

1993 Surgent, sittax-il Pulizija u Pulizija mara, u fl-1994 erba' Surgenti, tmintax-il Pulizija u Pulizija mara. Esebixxa wkoll lista ta' ex-membri li gew refused ir-re-instatement, wiehed Supretendent fl-1992, wiehed Spettur fl-1993 u fl-1994 Surgent Maggur u disa' Pulizija.

It-talba ghar-re-instatement tista' ssir biss f' kazijiet li l-individwu jkun warrab minn jeddu. Dwar l-emigration leave, skond l-Estacode ghandek zmien li jghidulu l-emigration leave u l-kundizzjonijiet huma li jekk inti ma tigix within dak iz-zmien, teccedi dak iz-zmien, awtomatikament tigi considered li inti irrizenjajt mill-Korp tal-Pulizija. Infatti qabel titlaq tirritorna l-kit kollu lill-Korp tal-Pulizija. Meta ghadda dak it-terminu r-rikorrenti kienet baqghet l-Awstralja u ovvjament kif isir f' kazijiet ohra skond l-Estacode giet considered li rrizenjat mill-Korp tal-Pulizija.

Dwar re-instatement ma hemmx hard and fast rule. Kien hemm zmien meta kien jintalab il-parir tal-Ministeru, kien hemm zmien meta l-Kummissarju jaghmel assessment, kien hemm zmien meta jiltaqa' speci ta' bord u jirrakkomanda lil xi whud u ma jirrakkomandax lil xi whud ohrajn. Jigi kunsidrat il-past history tal-individwu u x' utilita` jkollu ghall-korp tal-pulizija. Il-PSC ma tidholx f' dan. Dwar re-instatement ta' irgiel jew nisa bhala policy ma hemmx li tghid iddahhal irgiel jew nisa, imbaghad wiehed jikkunsidra l-bzonnijiet li ghandu.

<u>Louis Cilia</u> Permanent Secretary fil-Ministeru tal-Intern xehed li dwar il-policy ta' re-instatement fil-Korp tal-Pulizija fl-1992 ma ftakarhiex ezatt pero` deherlu li kienet li ma jkollux kazijiet kriminali quddiem il-Qorti, ma jkollux kazijiet spissi ta' dixxiplina kemm dam fis-servizz, ma jkollux kazijiet ta' hafna tehid ta' sick leave u generalment se jkun ta' asset lill-

Korp jekk jigi re-instated u minghalih kien hemm ukoll klawzola tal-eta` li ma jridx ikolu aktar minn 50 sena. Dawn huma l-principji generali u mbaghad il-Kummissarju jistudja l-kaz u jaghmel ir-rakkomandazzjoni tieghu lill-Ministru li jghaddiha lill-Prim Ministru biex japprovaha. Dwar l-ezigenzi tal-Korp din hija wahda mill-fatturi relevanti. Jigi kunsidrat ukoll il-fatt kemm persuna tkun ilha barra mis-servizz. Naturalment aktar ma tkun ilha aktar difficli li tigi kunsidrata favorevolment. Deherlu li jekk jaqbez il-hames snin anqas biss jigi kunsidrat. L-ewwel darba li hargu policy guidelines kien fl-1995.

Semma li l-ewwel wahda li giet re-instated kienet Sonia Anne Galea li giet re-instated fl-14 ta' April 1993 jigifieri minn mindu r-rikorrenti applikat sakemm regghet dahlet l-unika wahda li ddahhlet hija din il-persuna. Anna Maria Johnson dahlet f' April 1994. Fl-1992 ma kienet giet re-instated ebda mara. B' hekk, meta applikat Anna Maria Johnson l-akbar kriterji kienu l-ezigenzi tas-servizz u li se tkun asset ghall-Korp. Ma rrizultalux ghaliex Anna Maria Johnson ma dahlitx qabel Sonia Anne Galea. Fil-files tal-Ministeru ma deheret ebda raguni ghaliex m' ghandhiex tidhol Anna Maria Johnson.

Fil-5 ta' Gunju 2001 il-partijiet qablu li Sonia Galea applikat ghal re-instatement wara Anna Maria Johnson izda li kienet ilha barra mill-Korp ghal perjodu iqsar. Dr. Farrugia rrileva li r-rikorrenti kienet ilha tliet snin biss barra mill-Korp. Sonia Galea spiccat fil-31 ta' Dicembru 1990 u regghet applikat fil-21 ta' Settembru 1992 waqt li Anna Maria Johnson l-ahhar gurnata ta' xoghol kienet l-1 ta' Awissu 1988 u kitbet biex tigi re-instated fis-17 ta' Gunju 1992.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti wara li ghamlet zmien tahdem b' mod efficjenti fil-korp tal-Pulizija harget fuq emigration leave u damet minghajr ma rritornat b' mod li ghandu jigi kunsidrat li l-impjieg taghha kien definittivament terminat. L-ahhar li dahlet ghax-xoghol kien fl-1 ta' Awissu 1988, talbet ghar-re-instatement fis-17 ta' Gunju 1992 u kien biss wara li giet rifjutata r-re-instatement li finalment dahlet lura fid-29 ta' April 1994. Dritt ghar-re-imstatement bhala tali ma kellhiex izda gie spjegat fuq dwar il-kriterji ghal re-instatement. Zgur li l-kaz taghha kellu jigi kunsidrat favorevolment ghal re-instatement ghax kienet tissodisfa l-kriterji msemmija mis-Sur Cilia. Irrizulta wkoll li Sonia Galea li applikat warajha ghar-re-istatement u li pero` damet barra mill-korp ghal zmien iqsar giet preferuta minnha u mdahhla lura fil-korp qabel ir-rikorrenti. L-intimat ma ta ebda raguni valida ghaliex l-applikazzjoni tar-rikorrenti damet aktar biex tigi accettata minn dik ta' Sonia Galea.

Fid-dawl ta' dak fuq espost jirrizulta ghalhekk li saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrenti izda hawn wiehed irid jghid li din ma kenitx xi ingustizzja qawwija. Ir-rikorrenti qieghedha titlob li tinghata rimedju billi jigi ordnat li s-sentejn ta' servizz li hija giet imtellfa jizdiedu mas-servizz prezenti tar-rikorrenti u li fin-nuqqas li din it-talba tigi milqugha li minnflok jithallas kumpens f' ammont li jigi deciz minn dan it-Tribunal. It-Tribunal ihoss li una volta r-rikorrenti ma ghamlitx is-servizz tas-sentejn imsemmija m' ghandhiex tibbenefika minn dawn is-sentejn daqs kemm kieku hadmithom. Wara kollox ir-rikorrenti spiccat mill-Korp wara decizjoni taghha stess u ma hemm ebda obbligu tal-Gvern ghal re-instatement. L-obbligu tal-Gvern huwa biss li jekk isiru re-instatements dawn ghandhom isegwu certu kriterji u l-ingustizzja li r-

rikorrenti tista' tilmenta minnha tirreferi biss ghall-kaz li persuna ohra giet imdahhla lura fil-Korp qabilha ghalkemm applikat warajha. Illi ghalhekk it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat. Isib l-ilment tar-rikorrenti gustifikat dwar li ghandha tinghata kumpens finanzjarju taht dan l-aspett u ghalhekk it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens lir-rikorrenti ta' elf u hames mitt lira (Lm1500).

Spejjez kontra l-intimat.